# QARI MALTI

*Ta'* Ivo Muscat Azzopardi

Il-poplu Malti jħobb jaqra kotba miktubin bil-Malti?

Din il-mistoqsija li ilha ħafna tħabbilli moħħi, għax bosta mill-Kittieba tal-Malti qaluli li meta joħorġu xi ktieb minn tagħhom, jekk ma jidħolx fl-iskejjel bħala test, qajla jinbiegħ, għamiltha kemm-il darba lili nnifsi u tkellimt fuqha ma' xi ħbieb.

U jien dejjem sostnejt li, min-naħa l-oħra, oħrajn qaluli li xi rumanzi ta' valur letterarju dubbjuż, u xi ktejjeb bil-għana ta' ebda valur, li jiġu offerti fl-irħula u ċerti bliet, b'tant il-faxxiklu, isibu suq importanti u jħallu qligħ bil-bosta tajjeb.

X'inhu mela l-problema?

Jien naħseb nuqqas ta' propaganda u bruda ta' xi librara tagħna għall-bejgħ tal-kotba bil-Malti.

Kull ktieb miktub b'Ilsien Barrani, sewwa t-tajbin, kif ukoll dawk ta' kafkaf, arahom murija fl-aqwa dawl tax-xemx, imma dawk bil-Malti, il-ftit li jiġu aċċettati wkoll "in consegna", jinsabu moħbija fuq xi xkaffa u qatt ma jiġu offerti lill-klijenti..

Għalhekk immela ġieni f'rasi li nipproponi proġett, u nixtieq li dawk kollha li għandhom għal qalbhom il-kitba, qari, bejgħ u xiri ta' kotba bil-Malti, jagħtuni l-opinjonijiet tagħhom biex forsi isir xi ħaġa favur Ilsien il-Gżira.

Il-proġett tiegħi huwa dan :—

Konvint li l-Poplu Malti jixtieq u jħobb jaqra b'Ilsien tagħna — kemm kotba popolari ta' valur letterarju mhux għoli biżżejjed, kif ukoll xogħlijiet mill-aħjar, kemm ta' Proża, kif ukoll ta' Poeżija — biżżejjed wieħed igħid li l-lum Malta tgħodd mal-1000 surmast (Teacher) li weħidhom biss huma biżżejjed biex jissodisfaw kull kittieb — fi ħsiebi, jekk tiġi l-għajnuna meħtieġa, ingħaqqad "Xirka ta' Tixrid Qari Malti u Propaganda" fuq l-istess sisien li kont waqqaft waħda l-Eġittu.

Dak li hu meħtieġ huwa dan :—

(1) Jinsabu għadd ta' Imxerkin li jekk jaqblu fil-prinċipju ma' dan il-proġett, igħidu jekk jixtiqux joħorġu xi kapital (fil-każ iridu jgħidu kemm) jew jixtequx jagħmluha ta' propagandisti, distributuri u bejjiegħa.

(2) Biex il-proġett jimxi jeħtieġ li jinstabu rappreżentanti tax-Xirka f'kull Belt u Raħal ta' Malta u Għawdex, u kull wieħed li jiġi magħżul skond l-aħjar kwalifiki li għandu, iwiegħed li jagħmel mill-aħjar biex imexxi għallinqas xi 30 kopja fil-bliet u rħula importanti u xi 15 fl-irħula ż-żgħar.

(3) Fost l-Imxerkin jingħażel Kumitat ta' ħamsa biex imexxi x-Xirka u Kummissjoni ta' tnejn min-nies biex tagħżel dawk il-kotba li jixirqulhom jiġu offruti għall-pubbliku.

(4) Ix-Xirka u l-Inkarigati mill-bejgħ ikollhom marġni ta' profitt tal-bejgħ li jagħmlu, jiġifieri 10 fil-mija għax-Xirka u 20 fil-mija għall-Bejjiegħ.

Min huwa interessat huwa mitlub jikteb lil :—

Ivo Muscat-Azzopardi P.L.,
64, Triq Grenfell,
San Ġiljan.